24 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Schembri *versus* John A. Davies et.

**Kolliżjoni — Asskurazzjoni — Danni — Solidarjetà — Art. 1076 u 1093 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 3 tal-Kap. 165**

*Jekk is-sid ta' karrozza li hija assikurata bħala "private" jikri dik il-karrozza għas-"self drive", u waqt li dik il-karrozza tkun*

*hekk mikrija ssir kolliżjoni, li mħabba fiha terza persuna ssofri danni, u l-kumpannija tal-assikurazzjoni ma tħallasx dawk id-danni mħabba l-użu li sar tal-karrozza bħala "self drive" meta kienet assikurata bħala "private", sid il-karrozza huwa responsabbli għal dawk id-danni daqs li kieku kkaġunahom huwa stess; u huwa obligat iħallashom lil min sofrihom solidalment ma' dak li materjalment ikkaġuna l-ħsara billi kien isuq il-karrozza meta ġara l-inċident. U dan anki għaliex ma tistax tiġi stabbilita l-biċċa tad-danni kaġunata minn sid il-karrozza u dik kaġunata minn dak li materjalment ikkaġuna l-ħsara.*

Il-Qorti;— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fis-26 ta' Diċembru 1951, fin-12.30 a.m., waqt li l-attur kien qiegħed isuq il-karrozzin biż-żiemel in-naħa tal-Gżira, ġie milqut minn wara mill-karrozza li kien qiegħed isuq il-konvenut b'mod eċċessiv u kuntrarju għar-regolamenti tas-sewqan, u so ra danni rilevanti, tant fil-karrozzin u fiż-żiemel, kif ukoll fuq il-persuna tiegħu, li sal-lum għadu inabilitat għax-xogħol; talab illi l-konvenut (1) ikun dikjarat responsabbli tal-imsemmija kolliżjoni, u (2) jkun kundannat iħallas lill-attur, in linea ta' danni, somma ta' flus li tiġi likwidata minn dina l-Qorti per mezz ta' perit. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Fil-kontumaċja ta' l-imsejjaħ fil-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, kif assistit mill-perit ġudizzjarju, wasal għall-konklużjoni li l-kolliżjoni saret ħtija tal-konvenut. u għalhekk dana hu responsabbli għad-danni li sofra l-attur. u llikwida dawn id-danni fis-somma ta' £91.10.0:

Illi l-Qorti, wara li eżaminat il-provi miġjuba u vvaliat ir-raġunamenti esposti fil-perizja, hija tal-fehma li dawk il-konklużjonijiet għandhom jiġu adottati:

Illi l-perit legali. fil-parti finali tal-imsemmija relazzjoni. issottometta illi ma ġiex investit il-punt tar-responsabbiltà tal-imsejjaħ fil-kawża, peress li dana punt li jidher ta' natura prettament legali u li ma jidherx inkluż fl-inkarigu lilu mogħti;

Illi, dwar dina l-kwistjoni, irriżulta li l-karrozza, fil-waqt tal-inċident, kienet assikurata biss bħala "private car", mentri hija kienet ġiet mikrija u wżata bħal "self drive"; u kien għalhekk illi, skond ix-xhud Peter Cassar Parnis (fol. 27), il-Kumpannija tal-Assikurazzjoni ma setgħetx tilqa' d-domanda ta' l-attur għall-ħlas tad-danni;

Illi l-istess imsejjaħ fil-kawża irrikonoxxa dina l-irregolarità; u fis-17 ta' Jannar 1952, wara li sar il-każ, assikura l-karrozza bħala "self drive", u għall-kontravvenzjoni riżultanti minn dina l-irregolarità huwa ġie kundannat mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja b'sentenza ta' l-ewwel ta' Lulju, 1952, (fol. 18);

Illi, skond l-art. 1076, "kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, ......... jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk". Issa, l-imsejjaħ fil-kawża kiser l-obligu tiegħu li, qabel ma jagħti l-karrozza għall-kiri "self drive", huwa jassikuraha skond ma jippreskrivi l-art. 3 ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939. Minħabba li dina l-assikurazzjoni ma kienetx għadha saret fil-waqt tal-inċident, l-attur ma setgħax *jitħallas tal-ħsara li sofra;* u billi l-iskop animatur ta' dik il-liġi huwa li jiġi assikurat il-ħlas tad-danni lil min isofrihom, derivanti mill-kolliżjoni ta' karrozzi, u l-attwazzjoni ta' dan l-iskop ġiet frustrata bi ħtija ta' l-imsejjaħ fil-kawża, huwa rrenda ruħu responsabbli solidament ma' min ikkaġuna materjalment dawk id-danni (Kollez. XXXIV-II-605); u dan anki għaliex il-biċċa tad-danni li kull wieħed minnhom ikkaġuna bl-għemil tiegħu ma tistax tiġi stabbilita (art. 1093 Kod. Ċiv.);

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' d-domanda tal-attur, u għall-fini tat-tieni talba tikkundanna lill-konvenut u lill-imsejjaħ fil-kawża, b'mod *solidali*, iħallsu lill-attur is-somma ta' £91.10.0. Bl-ispejjeż anki "in solidum";

Tibqa' riżervata favur l-imsejjaħ fil-kawża kull azzjoni lilu talvolta kompetenti skond il-liġi.

---